MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 474/2011

**FinPro Limited (C39891)**

***kontra***

**Diana Margaret Cardona (I.D.1443A) u Frances u Anthony konjugi Busuttil, detenturi tal-karta ta` l-identita` numru 439655(M) u 211151(M) rispettivament**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-<u>12 ta` Mejju 2011</u> li jaqra hekk–

*1. Illi l-intimati in solidum bejniethom huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` disgha u disghin elf seba` mija u erbghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€99,740.47).*

*2. Illli ghandu jigi spjegat f`dan l-istadju illi Diana u John konjugi Cardona kellhom ihallsu lill-Casa Antonia Limited l-ammont su citat in konnessjoni mas-servizz ta` akkomodazzjoni favur taghhom gewwa 'Casa Antonia' u kif ukoll spejjez u servizzi ancillari ghall-istess u dan ghall-perijodu ta` bejn Marzu tas-sena 2008 u April tas-sena 2009. Illi fil-frattemp John Cardona miet u dan kif jidher mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. A u ghalhekk din il-kawza qed tinfetah ukoll kontra l-eredi tieghu.*

*3. Illi kif jidher mit-testament ta` John Cardona datata 31 ta` Lulju 2002, ippublikati fl-atti tan-Nutar Joe Cilia, hawn anness u mmarkat bhala Dok B, l-intimati huma l-eredi universali tal-mejjet John Cardona.*

*4. Illi s-somma ta` disgha u disghin elf seba` mija u erbghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€99,740.47) huwa dejn dovut mill-intimati lill-Casa Antonia Limited in konnessjoni mas-servizz ta` akkomodazzjoni favur taghhom gewwa 'Casa Antonia' u kif ukoll spejjez u servizzi ancillari ghall-istess u dan ghall-perijodi ta` bejn Marzu tas-sena 2008 u April tas-sena 2009, u dan kif qed jigi ndikat fid-dokument anness u mmarkat Dok C, liema djun gew imhallsa mis-socjeta` rikorrenti lill-istess Casa Antonia Limited, kif inhu wkoll indikat fl-ircevuti annessi f`Dok. C, b`mod illi s-socjeta` rikorrenti akkwistat minghand is-socjeta` Casa Antonia Limited id-drittijiet kollha li l-istess Casa Antonia Limited kellha fil-konfront tal-istess intimati ghall-hlas tal-ammont sudetti in konnessjoni mas-servizz ta` akkomodazzjoni, spejjez u servizzi ancillari.*

*5. Illi dan dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut skond il-Ligi u huwa dovut fl-intier tieghu mill-intimati lis-socjeta` attrici;*

*6. Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-dejn, permezz ta` ittra gudizzjarja datata 25 ta` Frar 2011 baqghu inadempjenti;*

*7. Illi s-socjeta` rikorrenti taf li l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet ossia risposti validi x`jaghtu kontra din it-talba;*

*8. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat;*

*GHALDAQSTANT ir-rikorrenti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi :*

*1. TORDNA d-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u*

*2. TIKKUNDANNA lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` disgha u disghin elf, seba` mija u erbghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€99,740.47) fuq imsemmija.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta` Frar 2011 u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat in-nota li l-konvenuta Diana Margaret Cardona pprezentat fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2011 li permezz taghha ammettiet it-talba attrici.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-14 ta` Lulju 2011 fejn, wara li sabet illi l-konvenuti Frances u Anthony Busuttil *prima facie* kellhom eccezzjonijiet validi x`jaghtu ghat-talba attrici kif dedotta kontra taghhom personalment, tat lill-istess konvenuti zmien ghoxrin (20) jum biex jipprezentaw risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Frances u Anthony Busuttil prezentata fit-3 ta` Awwissu 2011 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, u kuntrarjament ghal dak espost u dikjarat mis-socjeta` attrici, la qatt intbaghat u lanqas ma qed jigi ndikat la fil-premessi u lanqas fit-talba l-ammont li hu dovut ghas-servizzi rezi lid-defunt John Cardona personalment ghal liema raguni t-talba kif dedotta, fil-konfront tal-esponenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-sojceta` attrici stante illi hija wahda ntempestiva ;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, ghandu jigi esebit il-ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Casa Antonia Limited li a bazi tieghu s-socjeta` attrici qieghda tivvanta l-pretenzjonijiet taghha fil-konfront tad-defunt John Cardona u dan bir-rizerva li jinghataw eccezzjonijiet ulterjuri la darba jigi esebit dan il-ftehim li ghad li ssir referenza ghalih fil-premessi tal-kawza ma qedx jigi esebit ;*

*3. Illi t-talba kif dedotta in generali u wisq aktar kif diretta fil-konfront tal-esponenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante l-fatt li l-allegazzjoni dwar l-ezistenza ta` xi ftehim li ghalih saret referenza fil-paragrafu precedenti, tikkontempla li (a) sehh ix-xiri ta` dejn futur u (b) dan il-ftehim ma josservax ir-rekwiziti mposti mil-ligi u ghaldaqstant huwa null u bla effett ;*

*4. Illi fi kwalunkwe kaz kull dejn li l-konjugi Cardona, tul hajjithom inkorrew, dejjem ghamlet tajjeb ghalih it-Trust barranija bl-isem ta` Artemis Trustees Ltd u ghal liema raguni ghandha tigi kjamata fil-kawza ;*

*5. Illi t-talba kif dedotta ghandha tigi michuda stante illi dan l-ammont diga` gie reklamat permezz ta` proceduri gudizzjarji precedenti u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Frances u Anthony Busuttil.

Semghet ix-xhieda tal-konvenuti Frances u Anthony Busuttil, u ta` Matthew Busuttil fl-udjenza tal-24 ta` Ottubru 2011.

Semghet ix-xhieda ta` Tony Sant Portanier u ta` Dr Franco Camilleri fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2011 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xhieda ta` Stuart Blackburn fl-udjenza tas-16 ta` Frar 2012.

Semghet ix-xhieda ta` Edward Vella fl-udjenza tat-12 ta` Gunju 2012, u rat id-dokument li pprezenta x-xhud fl-istess udjenza.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-konvenuta Diana Margaret Cardona waqt seduta li saret mill-Assistent Gudizzjarju Av. Mariella Schembri Gonzi fl-10 ta` April 2012 go Casa Antonia, Balzan.

Semghet ix-xhieda in kontroezami ta` Stuart Blackburn, kif ukoll ix-xhieda ta` Stephen Balzan u ta` Daniel Camilleri fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2012. Rat ukoll id-dokumenti li kienu prezentati fl-udjenza.

Semghet ix-xhieda tal-Av. Dr. Audrey Vassallo fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2013.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta r-Registratur, Qrati Civili u Tribunali fis-26 ta` Marzu 2013.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat il-kumpannija attrici fl-udjenza tal-15 ta` April 2013.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li l-kumpannija attrici pprezentat fit-28 ta` Gunju 2013.

Rat illi l-konvenuti ma pprezentawx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-15 ta` April 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Fatti</u>

Meta l-konvenuta Frances Busuttil kienet ghadha xebba dahlet bhala seftura mal-konjugi John u Diana Margaret Cardona. Wara li l-konvenuti Frances u Anthony Busuttil izzewgu, marru joqghodu ma` Cardona, l-ewwel Hal-Tarxien fejn kienu joqghodu, u wara Tal-Ibragg. U baqghu ma` Cardona, anke wara li Busuttil kellhom it-tfal. Kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet ta` Cardona. Kien hemm zmien fejn wara li John Cardona ghamel operazzjoni, kien jehtieg perjodu ta` konvalexxenza u fuq suggeriment ta` Frances Busuttil, mar Casa Antonia, Hal-Balzan, li hija propjeta` u hija gestita mill-kumpannija Casa Antonia Limited. In segwitu l-konjugi Cardona marru t-tnejn joqghodu Casa Antonia u kellhom kamra bejniethom. Busuttil ma kkontrattawx ma` Casa Antonia dwar Cardona. Il-hlas tas-servizzi li l-konjugi Cardona kienu jircievu go Casa Antonia kien isir mill-accountant Stuart Blackburn minn flus li kien jircievi minn *trust* li Diana Cardona kellha fl-Ingilterra. Blackburn kien jirrifondi lil Busuttil ghal spejjez li kienu jinkorru ghal Cardona. Blackburn kien ihallas kull meta kien ikollu struzzjonijiet biex jaghmel hekk mit-*trustees*.

L-ammont li qieghed jigi reklamat fil-kawza tal-lum jammonta ghal €99,740.47 u jkopri s-servizzi li John u Diana Cardona rcevew go Casa Antonia bejn Marzu 2008 u April 2009. L-ammont sar dovut ghaliex barra ma kienx flus bizzejjed biex ikopru l-ispejjez tal-konjugi Cardona go Casa Antonia. Blackburn kellu struzzjonijiet biex ihallas

biss ta` Diana Cardona. Minkejja li ma sarux pagamenti, Casa Antonia zammet xorta lil John Cardona u anke lil Diana Cardona ghalkemm fi kmamar separati.

Fl-4 ta` Lulju 2007, sar kuntratt ta` cessjoni ta` krediti (Dok EV1 a fol 166 et seq) bejn Casa Antonia Limited u l-kumpannija attrici. Bis-sahha ta` dak il-kuntratt, l-kumpannija attrici bdiet thallas hi lil Casa Antonia ghall-prestazzjonijiet li kienu jinghataw Cardona b`dan illi l-kumpannija attrici kisbet cessjoni tal-jeddijiet kollha li kellha Casa Antonia Limited kontra Cardona ghal kull pendenza nkluz l-arretrati. Fit-8 ta` Mejju 2009, il-kumpannija attrici pprezentat ittra ufficjali kontra Cardona fejn wara li ghamlet riferenza ghall-kuntratt Dok EV1 interpellathom biex ihallsuha l-ammont li qieghed jintalab fil-kawza tal-lum. L-ittra ufficjali kienet notifikat liz-zewg konjugi fit-13 ta` Mejju 2009.

John Cardona miet fil-15 ta` Jannar 2010. Is-successjoni tieghu hija regolata permezz ta` testment *unica charta* li kellu ma` martu tal-31 ta` Lulju 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Joe Cilia. Il-konvenuti Busuttil kienu nominati bhala eredi universali tieghu. Wara l-mewt ta` John Cardona, martu baqghet tghix Casa Antonia. Busuttil accettaw il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

It-talba attrici kienet ammessa mill-konvenuta Diana Margaret Cardona. Il-kontestazzjoni tat-talba attrici giet mill-konvenuti konjugi Busuttil. Din il-Qorti sejra tqis u tipprovdi dwar l-eccezzjonijiet taghhom.

**i) <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Din il-Qorti ma tara propju xejn intempestiv fl-istanza attrici fejn din tolqot lill-mejjet John Cardona, li tieghu l-konvenuti Busuttil huma l-eredi. Irrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li l-konjugi Cardona flimkien inghataw servizz go Casa Antonia fil-perjodu mertu tal-kawza. In-natura tal-prestazzjonijiet huwa dokumentat fid-dettall u ma kienx kontradett mill-konvenuti Busuttil. L-eccezzjoni hija ghalhekk respinta.

**ii) It-tieni eccezzjoni**

Il-kuntratt bejn Casa Antonia Limited u l-kumpannija attrici kien prezentat bhala prova minn din tal-ahhar fi stadju bikri tal-kawza. Eppure l-konvenuti ma ressqu l-ebda talba biex iressqu eccezzjonijiet dwar dak il-kuntratt u lanqas ma ghamlu xi lment ta` xi natura dwar dak il-kuntratt. Fil-fatt dak il-kuntratt huwa validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. **Huwa regolat bl-Art 1469 et seq tal-Kap 16**. Jaghmel stat fil-konfront tad-debituri Cardona ghaliex kienet prezentata u notifikata ittra ufficjali a tenur tal-Art 1471 tal-Kap 16. Din il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din l-eccezzjoni.

**iii) It-tielet eccezzjoni**

Ghar-ragunijiet li diga` tat fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, din il-Qorti qeghda tichad it-tielet eccezzjoni. U zzid tghid illi apparti l-fatt illi l-konvenuti Busuttil ma ressqu l-ebda prova biex jghidu ghala dak il-kuntratt kien null u bla effett, jirrizulta wkoll bhala fatt illi Busuttil ghamlu taghhom l-effetti ta` dak il-kuntratt meta fl-inventarju tal-wirt ta` John Cardona (Dok A a fol 137 et seq) jirrikonoxxu bhala passiv fil-patrimonju tad-defunt nofs l-ammont ta` €64,666.96 (u cioe` €32,333.35) ghal liema ammont shih il-kumpannija attrici kienet kanonizzata bhala kreditrici b`sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-21

ta` Mejju 2008 fil-kawza *Finpro Limited (C39891) vs Diana Margaret Cardona u John Cardona (Citaz Nru 377/2008 JRM).*

**iv) <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Din l-eccezzjoni ma kenitx sostnuta mill-konvenuti Busuttil. Irrizulta li l-flus biex Cardona qaghdu Casa Antonia kienu jithallsu minn *trust.* Pero` r-riferenza ghall-allegata Artemis Trustees Ltd mhijiex tirrizulta mill-provi. Kif lanqas ma kien hemm insistenza mill-konvenuti ghall-kjamata fil-kawza taghha. Li rrizulta certament huwa li kien hemm flus barra li minnhom kienu jithallsu l-ispejjez ta` Cardona. Il-presunzjoni hija dawk il-flus kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Cardona (ara l-**<u>Art 1316 et seq tal-Kap 16</u>**). Dettalji ohra baqghu nebuluzi. L-eccezzjoni hija respinta wkoll.

**v) <u>Il-hames eccezzjoni</u>**

Billi ma kenitx ippruvata kif trid il-ligi, l-eccezzjoni qeghda tkun michuda. L-ebda prova ma ngiebet li turi illi l-ammont reklamat fil-kawza tal-lum kien diga` mertu ta` xi kawza ohra li kienet deciza u ghaddiet in gudikat.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Filwaqt illi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Frances u Anthony konjugi Busuttil, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess konvenuti.**

**U anke wara l-ammissjoni tal-konvenuta Diana Margaret Cardona, tilqa` t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici, bhala cessjonarja tad-drittijiet tas-socjeta` Casa Antonia Limited, is-somma ta` disgha u disghin elf, seba` mija u erbghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€99,740.47), bl-imghax legali b`effett mill-25 ta` Frar 2011 sal-jum tal-hlas effettiv, ghal servizz ta` akkomodazzjoni, spejjez u servizzi ancillari li Casa Antonia Limited ipprestat lil John u Diana Margaret konjugi Cardona go "Casa Antonia", Hal-Balzan, bejn Marzu 2008 u April 2009.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------